**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U ERBGĦIN                22TA' FRAR, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard,  s-Sur  Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur  Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Kyle Mifsud

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **45.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 45.1.1 | | Inqrat l-email ta' appoloġija tal-kunsillier is-Sur Kyle Mifsud (minħabba raġunijiet familjari).<br><br>L-appoloġija ġiet milqugħa. **Dok 1  annessi.** |
| | | |
| **45.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 45.2.1 | | Fir-rigward ta' punt 44.4.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-bankina għadha fl-istess sitwazzjoni.  Kien hemm qbil li sid is-sit jiġi infurzat biex jgħalaq il-bankina. |
| | | |
| 45.2.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa  fuq punt 44.6.1 jekk kienx hemm żviluppi fuq il-każ.  Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li mexxiet il-każ mad-DPO tal-Kunsill. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 45.2.3 | | Ġew approvati l-minuti tal-erbgħa u erbgħin - il seduta. |
| | | |
| ***45.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 45.3.1 | | Is-Sindku qalet li r-Reġjun ser jagħmel kors ta' First Aid bla ħlas għall-kunsilliera u l-istaff. Min irid imħeġġeġ biex jattendi. |
| | | |
| 45.3.2 | | Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata minn persuna li għandha set ta' kotba bil-malti. Kien hemm qbil li jinxtara set. |
| | | |
| 45.3.3 | | Is-Sindku qalet li hemm bżonn li l-Kunsill jibda jaħseb biex jagħmel laqgħa biex ifassal l-attivitajiet taċ-Ċittadin Ewlieni u ġieh iż-Żurrieq. U jeħtieġ li jinħarġu l-applikazzjonijiet għan-nomina.<br>Kien hemm qbil li ssir laqgħa nhar is-Sibt 4 ta' Marzu, bejn il-Kunsilliera li jixtiequ joffru l-għajnuna.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kaydem Schembri (ħin 18:44) |
| | | |
| 45.3.4 | | Is-Sindku qalet li saret laqgħa mas-Sindku ta' Ħal Safi fejn is-Sindku fejn kien preżenti ukoll il-Kunsillier Joseph D'Amato. Hi qalet li s-Sindku ta' Ħal Safi qal li parti mill-istruttura tal-katakombi hi ta' Ħal Safi. Intqal li jekk irid li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi jirranġa l-istrutturi hu jista, imma dan ma jfissirx li l-art hi ta' Ħal Safi. Kien hemm qbil li ssir ittra lill-Kunsill Lokali Ħal Safi.<br>L-ittra inqrat mill-Kunsillier Tiffanny Ann Attard u kien hemm qbil li tintbagħat. **Dok 2 mehmuż.** |
| | | |
| ***45.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 45.4.1 | | Il-Viċi Sindku qal li ingħata Garden of Eden Hall, bla ħlas biex issir attivita tal-Għid il-Kbir.<br>Hu qal li :<br>• ser issir kompetizzjoni ta' figolla u easter bonnett.<br>• Ser jinġibu ġurija professjonali.<br>• l-attivita ser tkum mill-11:00 sal-16:00.<br>• Ser iġib sound, u ser jagħmel attivita ta' mużika u entertainment.<br>• Ser jagħmel kuntatti mal-ħwienet rinomati biex jagħtu sponsors għal din l-attivita.<br>• Il-qliegħ li ser ikun hemm minnha ser jingħata lill-puttinu cares.<br>• Jeħtieġ li jsir poster u reklamar bi ħlas fuq fb.<br>• Jkun hemm sezzjoni ta' kompetizzjoni għaż-Żrieraq u oħra għal residenti ta' barra mir-raħal.<br>• Ser jingħataw trophies għall-ewwel tliet postijiet li jirbħu. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Sindku qablet mal-attivita, imma ma xtaqitx li issir b'kompetizzjoni, biex ma jkunx hemm inkwiet.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-unika diffikulta li għandu bħala Kunsillier, li peress li l-Kunsill għad għandu kwistjonijiet mas-sidien ta' Garden of Eden, fuq sitwazzjoni importanti ħafna, ma jħossux komdu li l-Kunsill jieħu xi ħaġa bla ħlas mingħandhom.<br>Il-Kunsillier Dr Tiffany Ann Attard qablet mal-Kunsillier Dino Bonnici.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jekk hemm bżonn il-Kunsill iħallas għas-sala.<br><br>F'dan il-ħin il-Viċi Sindku irtira l-attivita kollha, minħabba li ma ridtx iġib lill-Kunsill f'pożizzjoni skomda.<br><br>Is-Sindku qalet li din l-attivita' tista ssir fi swali oħra fiż-Żurrieq, fosthom – Day Centre, Sala tal-iskola jew sala taż-Żurrieq Wolves. Ħeġġet lill-Viċi Sindku biex imexxi bl-attivita.<br><br>Il-Viċi Sindku baqa jinsisti li la mhux ser issir fis-sala ta' Garden of Eden, ma ssir xejn. |
| | | |
| 45.4.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• biex issir gate fejn il-grawnds ta' Triq P P Pullicino. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta marret mal-kuntrattur fuq il-post deher li ma kienx hemm il-bżonn. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Staqsa meta ser jinqala l-bin ta' fejn il-ħanut tal-pastizzi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntrattur li poġġieh kienu Clean Malta u hi infurmathom biex jinqala u ġiet infurmata li l-bin issa qed jitnaddaf kuljum. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem ma' sid il-ħanut tal-pastizzi ħalli jekk issa l-problema ssolviet, ma jkunx hemm il-bżonn li jitneħħa. |
| | | |
| 45.4.3 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• Borża taż-żibel hi kontra l-liġi li titpoġġa quddiem residenza oħra.<br>• Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li llum ra lill-kuntrattur igeddes quddiem dar fi Triq Dun Gejt Muscat.<br>• Post fuq fb qed ikun hemm korsijiet tad-Dementia. Is-Sindku qalet li hi qed tipprova torganizza laqgħat tad-dementia fiż-Żurrieq.<br>• Saret post oħra fuq fb bl-ilmenti fuq iż-Żurrieq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadet nota tal-ilmenti kollha u qed jiġu solvuti. |
| | | |
| 45.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• persuna tixtieq torganizza korsijiet ta' kif isir presepju. Kien hemm qbil li jiġi mitkellem. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Fi Triq il-Kunċizzjoni hemm żewġ sqaqin li ingħalqu. Fuq wieħed minnhom il-Kunsill ilu li oġġezzjona snin u dan baqa l-istess. Fir-rigward tal-isqaq l-ieħor li ngħalaq ftit tal-ġimgħat ilu, persuna trid tiġi fis-seduta, titkellem. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiftaħ kawża legali għall-ewwel sqaq għalissa. |
| | | |
| 45.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• Staqsa x'resurficing ser isir fis-service road ta' Vjal il-Blue Grotto, wara li saret trinka tad-drenaġġ. Is-Segretarju Eżekuttivi infurmat li l-kuntrattur informa li ser jgħamel il-wiċċ tat-trinka biss resurfacing.<br>• Hu qal li l-Kunsill għandu jikteb lill-Infrastructure Malta fis-sens tal-wiċċ tas-service road ta' Vjal il-Blue Grotto kollha u fuq il-parti l-oħra ta' Triq is-Sienja, biex tingħata wiċċ. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li fi Vjal il-Blue Grotto jsir il-monti u hi fi stat perikoluża ħafna.<br>• Il-Kunsill irċieva li ser isir iċ-ċint u proġett żgħir fi Vjal il-Blue Grotto. Hu qal li jeħtieġ li ssir laqgħa fuq dan. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex jiġi rranġat il-ġebel tas-sejjieħ taċ-ċnut, li hemm fejn il-kappella ta' Ħal Millieri. Dan jista jintalab li jsir mill-ħaddiema tal-PW.<br>• Jekk il-head sets għall-impjegati ma jsirux sa xahar ieħor, għandu jitqabbad kuntrattur ieħor.<br>• Fejn il-Garden of Eden saru xi bankijiet u kellhom jitħawlu s-siġar – biex jitwitta u jitħawlu s-siġar.<br>• Il-pulizija tal-komunita – kienu fil-Misraħ Repubblika u kien hemm vetturi ipparkjati ħażin lanqas wissew lix-xufiera li kienu quddiemhom stess.<br>• Biex jitnaqqs it-traffiku minn ġo Misraħ Repubblika, jissuġġerixxi li l-Kunsill jinforma lill-Public Transport biex it-trasport pubbliku ma jgħaddix mill-Misraħ u tibqa għaddejja minn Vjal ix-Xarolla, ħalli jinqata parti mit-trasport mill-Misraħ. Kien hemm qbil fuq dan u li r-rotta tibda tkun bħal ma tkun fil-festi tar-raħal. |
| | | |
| 45.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Patching mhux qed isir b'mod professjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ix-xogħol qed isir b'ammont ftit ta' flus, fejn l-ammon li kien iħallas qabel il-Kunsill. Qed isir b'direct order minn resident fiż-Żurrieq stess, minflok jinxtraw boroż tat-tarmak u jitpoġġew mill-ħaddiem tal-Kunsill. Meta l-kunsil kellu kuntrattur tal-patching, waqqaf it-tender u ma ġiex iżjed.<br>• Qed ikun hemm problema ta' dawl f'ċertu toroq. Is-Sindku qalet li tkellmet diversi drabi fuq din il-problema, anke mal-Minsitru u filfatt fil-weekend li għadda issewwa kullimkien. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Qed isiru ħafna xogħlijiet flimkien madwar iż-Żurrieq kollu u dan qed joħloq inkonvenjent lir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċertu permessi inħarġu fis-sajf li għaddha u qed isiru bħalissa. Kull servizz hu bżonnjuż li jsir. Bħalissa infurmat li qed isir xogħol ta' drenaġġ fi Vjal il-Blue Grotto, xogħol tal-Epic fi Triq l-Imqabba, xogħol ta' soluzzjoni għal għarghar fi Vjal ix-Xarolla u Triq Bronja. |
| | | |
| 45.4.7 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet li:<br>• hemm kumitat li jixtieq jaħdem fuq safe pathway biex l-istudenti jkunu safe fit-triq. Wieħed mill-proġetti hi l-pathway għall-Kulleġġ ta' San Benedittu ta' Ħal Kirkop. Kien hemm qbil fuq dan u li l-Kunsill lest li jgħin.<br>• Proġett ieħor hu ta' lolly pop lady fejn l-iskejjel. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***45.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| **45.5.1** | | **Unaudited Financial Statements** |
| | | |
| 45.5.1 | | Ġew ippreżentati l-Unaudited financial statements, maħduma mill-accountant tal-Kunsill. Dawn ġew approvati.<br>Kien hemm qbil li fis-seduta li jmiss tiġi mistiedna l-accountant tal-Kunsill tagħti spjegazzjoni. |
| | | |
| ***45.5.2*** | | ***Riżoluzzjoni : Flus tal-Kumitat Konġunt*** |
| | | |
| 45.5.2 | | Riżoluzzjoni mressqa mis-Sindku fuq kont fil-bank li kellu x'jaqsam mal-Kumitat Konġunt. L-ammont li hemm f'dan il-kont hu ta' 43,134Euro, filwaqt li ammont ieħor ta' 21,000Euro jinsabu taħt investigazzjoni. |
| | | |
| 45.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fil-branch taż-Żurrieq hemm kont miftuħ li kien infetaħ waqt li kien jeżisti t-Tribunal lokali. Hi infurmat li l-Kunsilli kollha (7) involuti minbarra dak ta' Birżebbugia, qablu li l-kont jinqasam bejn il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ta' Birżebbugia ma aċċettax minħabba li l-lokal tiegħu għandu jieħu madwar 70,000Euro mit-Tribunal. Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbugia ssuġġerixxa li jintalab arbitru, li jkun imħallas mill-Kunsilli Lokali involuti u dak li jiddeċiedi l-arbitru, jsir.<br><br>Ir-riżoluzzjoni hekk kif imressqa mis-Sindku Rita Grima ġiet ssekondata mill-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillier Dino Bonnici. Tali riżoluzzjoni ġiet approvata unanimament. **Dok 2 Mehmuż** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***45.7*** | | ***Green Projects*** |
| | | |
| 45.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li infetħet applikazzjoni għall-fondi fuq Green Projects. Tali applikazzjoni tagħlaq fit-28 ta' Frar, b'hekk ġie avviċinat il-Perit biex japplika fuq proġetti li kienu diġa ġew mitkelma u maqbula f'seduti tal-Kunsill preċedenti.<br>Wara li hi bagħtet email lill-Kunsill kollu minħabba l-urġenza ta' din l-applikazzjoni:<br>Il-Proġetti li ser jieħu ħsieb il-Perit William Lewis huma ta' Misraħ il-Karmelitani u ta' Misraħ Santa Marija.<br>Filwaqt li proġett ieħor li ilu snin li kien maqbul, hu dak mill-Perit Toni Bezzina ta' Triq P P Pullicino k/m Triq Gervase Matthew.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal :<br>• li ma jaqbilx li l-affarijiet isiru bl-għaġla u li l-art ta' Triq Gervase Matthew kienet tal-privat u mhux tal-Gvern. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-informazzjoni li għandha hi li l-art hi tal-gvern u l-gvern ried jużha għal użu aħjar għall-housing. Hi qalet li l-affarijiet qed isiru bl-għaġla għax it-tul tal-ftuħ tal-applikazzjoni kien biss ta' xahar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li mill-ftuħ tal-applikazzjoni s'issa u wara li intbagħtet l-email lill-Kunsill kollu, sar ħafna xogħol.<br>• li ma jaqbilx mal-proġett tal-Misraħ Santa Marija għax ser tnaqqas mill-ispazzju tal-misraħ u milli jsiru attivitajiet fih.<br><br>Tali pjanti reġgħu ġew ippreżentati u apporvati biex issir l-applikazzjoni għall-fondi għalihom, mill-periti rispettivi.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal 3 siti avolja l-Kunsill Joseph D'Amato baqa jinsisti biex il-proġett ta' Triq P P Pullicino ma jsirx, biex ma dak propost isir l-uffiċċju tal-Kunsill ukoll.<br>**Dok 2, 3 u 4 annessi.** |
| | | |
| 45.7.2 | | Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq jerga jitlob għad-devoluzzjoni tal-art li tinsab fi Triq PP Pullicino k/m Triq Gervaze Matthew k/m Triq Napuljun.<br><br>Il-Kunsill ser japplika biex tali art tintuża għal skop ta' binja amministrata mill-Kunsill.<br>Tali binja ser tkun tikkonsisti f'sala li tilqa madawr 250 ruħ, palk, dressing rooms, store rooms, parkeġġ u siġar madwar is-sit u green roof bil-bankijiet, solar panel biex jissupplixi d-dawl lill-binja u free wifi.<br>Dan irid jagħmlu biex japplika għal-fondi ta' Green Projects, li hemm 10miljuni x'jintnefqu. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsill Lokali kien diġa tefa applikazzjoni mal-Planning Authority fis-sena 2015 għal dan il-proġett u tali applikazzjoni kienet ġiet sospiża u mhux irtirata. |
| | | |
| 45.7.3 | | Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika biex issir devoluzzjoni ta' Misraħ Karmelitani. Il-Kunsill qed jitlob dan biex japplika għal fondi ta' Green Projects sabiex Misraħ Karmelitani jissebbaħ b'bankijiet u aktar siġar. |
| | | |
| 45.7.4 | | Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika biex issir devoluzzjoni ta' Misraħ Santa Marija. Il-Kunsill qed jitlob dan biex japplika għal fondi ta' Green Projects sabiex Misraħ Santa Marija tissebbaħ bi pjanti u siġar. |
| | | |
| 45.7.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jibda jaħseb għal proġetti :<br>• Tinqala Misraħ Mattia Preti biex isir underground parking u fuq isir bis-siġar.<br>• Isir proġett ieħor fi Triq Carmelo Caruana – underground parking u ġnien fuqu. |
| | | |
| 45.7.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li għal fondi bħal dawn il-Kunsill għandu jikkunsidra li issir espropjazzjoni tal-passaġġ ta' Wied Babu biex ikun jista jużaħ il-poplu kollu u b'hekk tkun qed tingħata art lura lill-komunita. U hu żied jgħid li jaħseb li anke sid l-art ikun kuntent b'dan il-proponiment. |
| | | |
| ***45.7*** | | ***Aċċess għall-Munqar*** |
| | | |
| 45.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ilmenti li qed jidhru fis-social media fuq nuqqas/għeluq ta' aċċess tal-Munqar minn Triq il-Barrieri. Hi ressqet sentenza mil-Qorti u ittra minn Transport Malta. Ressqet ukoll pjanti antiki li juru li aċċess minn Triq il-Barrieri ma kienx hemm għax l-akwata ilha privata snin.<br>Kien hemm qbil<br>Il-Kunsillier Joseph D'amato qal li jixtieq jiltaqa ma' NGO's ambjentali biex jgħatu l-għajnuna.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu jqabbad lill-Pulizija biex ineħħi l-iżgombru tal-aċċess. Sadanittant jitqabba l-avukat biex jgħati l-ghajnuna fuq l-każ.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta fit-20:32. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **45.8** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***45.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 45.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li waħda mill-iskrivani waslet biex titla notch fl-iskala 11 u impjegata oħra waslet biex titla skala minn skala 14 għal skala 13. Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li jitilghu rispettivament. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Mart il-Prim Ministru Dr Lydia Abela tablet lis-Segretarju Eżekuttiv biex taqra ittra ta' ringrazzjament li l-Kunsill Lokali ta s-sehem tiegħu fl-inizjattiva Rigal bi Mħabba.<br>• Resident barrani li joqgħod f'dar, f'Misraħ Repubblika u li l-Kunsill talab l-għajnuna tal-pulizija biex ineħħi l-pjanti li għandu fuq il-bankina, talab lill-Kunsill jirrevedi t-talba, għax qed jgħid li dawn il-pjanti jsebbħu l-ambjent. Ma kienx hemm qbil.<br>• Talba għal permess biex titella wirja tal-Gimgħa l-kbira bejn 1 u 7 ta' April, fil-Mitħna tax-Xarolla. Kien hawn qbil.<br>• Talba biex issir attivita/ikla fi Ġnien il-Ġibjun fl-1 ta' Lulju, miż-Żgħażagħ tas-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Talba għal Attivita mill-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria biex tittella attivita fi Ġnien il-Ġibjun fil-25ta' Awwissu. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-Kunsill qed jintalab biex fl-okkażjoni ta' Earth Hour, il-Kunsill jitfi d-dawl ta' xi monument jew pjazza għal siegħa fil-25 ta' Marzu, bejn it-20:30 u 21:30. Ser jintefa l-uffiċċju tal-Kunsill.<br>• Il-Kunsill reġgħa intalab biex isiru double yellow lines tul it-triq kollha Triq il-Minġel, fuq iż-żewġ naħat. Dan qed jintalab minn resident wieħed u TM approvat. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tablet lill-TM biex issir laqgħa fejn ikunu preżenti r-residenti tat-triq kollha u uffiċjali tal-Kunsill. TM ma aċċettatx u l-linji ma sarux. Is-Sindku qalet li intalbet laqgħa u ser jintervjeni l-Ministeru biex tissolva l-problema. |
| | | |
| 45.9.2 | | Il-Perit William Lewis informa lill-Kunsill li filwaqt li jifhem l-esiġenzi tal-attivitajiet tal-lokal, mhux se jkun f'puzizzjoni li jaghmel pjanta mingħajr sigar xejn, f'Misraħ Repubblika.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill isaqsi lill-Perit William Lewis biex jibgħat ittra formalment li ser jirrinunzja mill-proġett tal-Misraħ. Wara li l-Kunsill ikollu l-ittra jkun jista joħroġ tender għall-Misraħ biss. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 45.9.3 | | Il-Kunsill ġie mistoqsi minn DLG jekk il-Kunsill jew entita privata hix ser timplimenta siti ta' parkeġġ. Kien hemm qbil li ninfurmaw li l-Kunsill m'għandux siti li jista jiżviluppa.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jwieġeb fin-negattiv. |
| | | |
| ***45.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-***<br>***ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 45.10.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Gal Xlokk numru 134 u ta' Reġjun Punent numru 14. |
| | | |
| ***45.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 45.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €47,864.39<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, Kunsilliera Kaydem Schembri. |
| | | |
| ***45.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 45.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:10 Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 22 ta' MARZU, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _22 ta' Marzu, 2023.

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**